

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/583

tal-4 ta' April 2022

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2), punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat f'isem l-Unjoni Ftehim mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali (il-“Ftehim”).
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1869 <sup>(2)</sup>, il-Ftehim ġie ffirmat fis-27 ta' Settembru 2021, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE <sup>(3)</sup>; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (4) Jenhrieg li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni <sup>(4)</sup>.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 2 tal-Ftehim <sup>(5)</sup>.

<sup>(1)</sup> Approvazzjoni tal-24 ta' Marzu 2022 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1869 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali (ĠU L 306, 30.11.2018, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

<sup>(4)</sup> Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(5)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' April 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
R. BACHELOT-NARQUIN

---